Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 125 / 2017

Il-Pulizija

(Supt. Kevin Farrugia)

vs

**Brian Muscat**

Illum, 6 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Muscat, iben Daniel, imwieled Pieta' fit-30 ta' Jannar, 1966, detentur tal-karta tal-identita' numru 58266(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara:

1. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Mary Gravino u terzi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Mary Gravino, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00 imma izjed minn Lm50.00 u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara:

3. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi u terzi ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bil-lok, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00 imma izjed minn Lm50.00 u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. wara li kien gie kkundannat f' Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu oggetti ohra (turnavit) li ma kinux talkundizzjoni tieghu u talli nstabu wkoll ghandu mfietah, imqabblin jew falsifikati, tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma kien ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f' dan iz-zmien u dan *ai termini* tal-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta , liema sentenza saret definitiva u ma tistax tinbidel;

7. sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat, illiberat lill-imputat minn Artikolu 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikoli jinsabu elenkati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali) u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' April 2005 u senjatament Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 267, 269(g), 270 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Brian Muscat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' **erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija**.

Rat ir-rikors tal-appellanti Brian Muscat minnu pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti ghal dik li hija sejbien ta' htija u liberatorja relattiva, izda tirrifomaha in kwantu ghal piena u dana billi taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi jhoss ruhu aggravat mill-piena lilu moghtija u dana billi kellha tigi lilu erogata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Il-fatti tal-kaz huma semplici. L-appellanti tressaq akkuzat ta' serqiet li kienu saru fi blokk appartamenti. L-appellanti nqabad gewwa l-binja u nqabad bl-affarijiet kollha li gew misruqa. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstab id-deheb u l-appellanti stess indika lill-ufficjali tal-pulizija l-karusijiet li ghadu kif kien hadhom minn gol-appartament in mertu.

Dan il-fatt gie konfermat mix-xhieda Supt. Kevin Farrugia, ufficjali ohra tal-pulizija kif ukoll rubati.

B' mod partikolari xehed PS 1393 Carmel li spjega kif fil-31 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00 pm dahlet telefonata anonima fl-Ghassa tal- Pulizija ta' Birkirkara fejn

inghad li kienu dahlu xi nies mhux awtorizzati fil-fond 106, Triq Brared, Birkirkara. Mar fuq il-post ma zewg kollegi u huma u dehlin raw lill-appellanti fuq il-post.

Huwa minnu ghalhekk dak li kkonkludiet il-Qorti li l-appellanti inqabad in flagrante delicto bil-hwejjeg misruqa gewwa l-blokka tal-appartamenti n mertu.

Kif inghad l-aggravju tal-appellanti hija fir-rigward tal-piena lilu moghtija u dana minhabba s-segwenti fatturi:

i. ma nghatax id-debita konsiderazzjoni ghax-xhieda moghtija mill-probation officer li qed isegwi lill-appellanti.

ii. Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ilu ghal diversi snin ibaghti mill-vizzju tad-droga.

iii. Ma nghatax id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-atti mertu graw aktar minn tnax il-sena u nofs ilu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-appell tal-appellant huwa limitat ghal piena inflitta mill-Ewwel Qorti u dan ghal tlett ragunijiet u cioe' li skont l-appellant ma nghatax id-debita konsiderazzjoni ghax-xhieda moghtija mill-ufficjal tal-probation li segwa lill-appellant, li ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghal fatt li l-appellant ilu ghal diversi snin ibaghti mill-vizzju

tad-droga u li ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghal fatt li l-atti in mertu graw aktar minn tnax il-sena u nofs qabel ma gie intavolat l-appell.

L-Ewwel Qorti sabet htija ta' serq ikkwalifikatbil-mezz, bil-valur, hin u lok ghad-dannu ta' zewg familji u cioe' tas-Sinjura Mary Gravino u tas-Sinjuri Ivan u Antoinette Mizzi. Sabet htija ukoll li l-appellant wara li gie kkundannat ghal serq kellu fil-pussess tieghu oggett u cioe' turnavit minghajr skop legittimu kif ukoll li kien recediv. Ghal dawn ir-reati, huwa gie kkundannat ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettivi.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghax-xhieda moghtija mill-Ufficjal tal-Probation quddiem l-Ewwel Qorti fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn prezenta social enquiry report li pprepara hu. Matthew Fleri Soler spjega li ghalkemm ir-rapport kellu jigi pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena l-ohra huwa baqa jsegwi lill-imputat fejn is-sitwazzjoni baqghet bejn wiehed u iehor l-istess sa' dak in-nhar tax-xhieda. In kontro-ezami meta mistoqsi meta l-ahhar li ra lill-imputat, qal li jidhirlu li l-*parole board* rah fil-hamsa (5) ta' Settembru ta' dik is-sena u ghalhekk kompla isegwi s-sitwazzjoni sa dik id-data. Fir-rapport li jinsab a fol 201 tnizzlu d-diffikultajiet fil-hajja tal-appellant b'mod partikolari l-fatt li missieru kien il-habs meta l-appellant kien ghadu zghir, li l-appellant kellu l-vizzju tad-droga mill-eta' ta' sitta u ghoxrin (26) sena, fejn kellha ssirlu amputazzjoni ta' saqajh mill-irkoppa l-isfel u li ibnu kien miet bil-marda terminali tal-*muscular dystrophy*.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ukoll ghax-xhieda tal-istess Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler moghtija fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti. Dan ix-xhud spjega li l-ewwel kuntatt tal-appellant kien fl-elfejn u erbatax (2014) meta kien mitlub mill-Qorti biex jaghmel pre-sentencing report fil-konfront tieghu. Rega ltaqa mieghu fl-elfejn u hmistax (2015) ghall-istess skop biex jaghmel social enquiry report u fl-elfejn u sittax (2016) intalab rapport iehor u bhalissa qieghed isewgieh fuq *probation order* ta' tlett (3) snin mahruga f'Marzu tal-elfejn u sbatax (2017). Spjega li l-andament ma' kienx '*plain sailing*'. Spjega li l-appellant ghadda minn certu esperjenzi u trawmi filwaqt li kellu relapse fuq id-droga li mis-sena elfejn u sbatax (2017) jaf bi tnejn zgur. L-ahhar relapse jghid

li jekk mhux sejjer zball li kien f'April tas-sena l-ohra u kien hemm xi appuntamenti konsekuttivi li qabez u galuh jithasseb ftit jekk kienx hemm relapse jew le pero' li jaf bic-cert li kien hemm zewg relapses dawn l-ahhar sentejn pero jghid li bhalissa s-sitwazzjoni pjuttost tajba jigifieri jibghat ghalih kull gimghatejn jew tlett gimghat u kwazi dejjem isirlu test tal-urina u f'din l-ahhar sena t-testijiet tal-urina kollha rrizultaw fin-negattiv. Spjega li l-fatt li sieq l-imputat giet amputata tillimitah xi ftit jew wisq. Spjega li kull darba li kien hemm relapse l-imputat zamm kuntatt mieghu u fi spazju ta' xahar jew xahar u nofs rega beda jaghti urines li kienu clean. Lill-imputat kien irreferieh ghand il-Caritas pero' dan l-ahhar sena ma jidhirlux li ghamel uzu tad-droga, li t-testijiet li ghamillu rrizultaw fin-negattiv. Spjega li kien hemm trawma bil-mewt ta' ommu u kien anke tielef lil ibnu b'marda terminali meta ibnu kellu tlettax (13) -il sena filwaqt li kien inkisser iz-zwieg tieghu u ghalhekk ihoss li dawn affetwaw lill-appellant. In kontro-ezami xehed li sieq l-appellant giet amputata peress li jinjetta d-droga kokaina fil-vina u dan sehh bejn is-sena elfejn u erbatax (2014) u l-elfejn u hmistax (2015).

Isabelle Jacobson xehdet fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn prezentat rapport b'diversi dati mad-Drugs Community Team u spjegat li l-appellant beda mad-Drugs Community Team mis-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) sal-elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995). Dan id-dokument jinsab a fol 276 u mmarkat bhala IJ fejn hemm imnizzel li skont is-Sedqa Drugs Community Team (DCM) database, l-appellant kien f'kuntatt mas-servizzi tas-Sedqa DCT wara li rrefera lilu nnifsu ghal srvizzi f'Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004). Hemm imnizzel li '*this contact period was concluded after four (4) months, in Novembrer 2004.*' Hemm imnizzel ukoll li '*Following liaison with Substance Misuse Outpatients Unit (SMOPU), k/a Detox, Mr. Muscat has been in contact with SMOPU, at Gwardamangia on various periods. Mr. Muscat's first contact was in May 1992. He has not been a patient at SMOPU since August 2015.*' Filwaqt li tnizzlu l-perjodi ta' kuntatt mas-servizzi medici l-SMOPU, fejn jirrizulta li l-ahhar perjodu ta' kuntatt ma' Substance Misusue Outpatients unit (SMOPU) kien bejn Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) sa Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Dr Anna Maria Vella xehdet fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti li l-appellant kien f'kuntatt mad-Dettox mis-sena tal-elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992) b'mod regolari sas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997). Minn Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) sa' Gunju tas-sena elfejn (2000) kienet tarah hi b'mod regolari. Rega' tfacca fl-elfejn u erbgha (2004) fejn kien ilu sena l-habs imma kien clean ghal certu zmien pero' '*rrileksja wara tlett snin u ġie detox wara għaxar xhur ta' użu f'June 2004.*' Dak iz-zmien ma tantx kien jigi b'mod regolari. F'Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) kien talab biex ma jibqax jigi u ha l-*control card* fejn jinkitbu s-sustanzi li huma *dangerous drugs* u ghalhekk l-fatt li tiehu l-control card, ma tistax tibqa' tattendi detox. Gie mal-Pulizija f'Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u rega' gie mal-Pulizija f'Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006). Minn Dicembru baqa' jiehu l-methadone sa Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007). Rah Dr George Grech f'Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u f'Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u rega ma deherx imbaghad f'Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) rega beda l-methadone ghal zmien qasir imbaghad ma giex izjed. L-ahhar li rawh kien f'Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) beda l-'*methadone 25*' imma hadha ghal ftit zmien u ma giex izjed. Meta jieqaf jew ghax ikun il-habs jew ghax ikun clean u ma jkollux bzonn il-methadone. Spjegat li fiz-zmien li kienet tarah regolarment mis-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) sas-sena elfejn (2000) kellu zmien fejn kien qieghed jissepara u annulla z-zwieg u tiftakar li kellu tifel li kien marid.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi. Tqis ukoll li huwa evidenti li l-appellant ghal zmien twil kellu l-vizzju ta' droga u fejn jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Mathew Fleri Soler moghtija quddiem din il-Qorti fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) li l-ahhar *relapse* li jaf bih kien f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Ma jirrizultax jekk l-appellant ghadux bil-vizzju tad-droga jew jekk kienx hemm relapse mill-ahhar li xehed dan l-Ufficjal tal-Probation sal-lum il-gurnata. Mill-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti dwar il-piena li ghandha tigi inflitta jirrizulta li l-Qorti hadet in konjizzjoni l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li

huwa recediv *ai termini* tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fatt li r-*res furtiva* giet ritorna lura lid-derubati kif ukoll li skond dak li jirrizulta mis-Social Inquiry Report redatt mll-Ufficjal tal-Probation, l-imputat kien ilu jabbuza mid-droga minn mindu kellu sitta u ghoxrin (26) sena. Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fl-appell tieghu l-Qorti hadet in konjizzjoni kemm ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation u anke l-fatt li l-appellant kien ilu bil-vizzju tad-droga. Ghalhekk dwar dan, din il-Qorti ma ghandhiex xi zzid ghajr li skont ix-xhieda ta' dan l-Ufficjal tal-Probation moghtija quddiem l-Ewwel Qorti l-ahhar relapse rapportati hija dik ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Dak li din il-Qorti tqis li ghandha tikkunsidra fid-dettal huwa l-fatt li kaz b'fattispeci daqshekk semplici tant li l-appellant kien maqbud bir-*res furtiva* kellu jiehu madwar tnax (12)-il sena biex jinqata' mill-Ewwel Qorti. In oltre' sussegwentement kellhom jghaddu kwazi tlett (3) snin ohra biex jinqata' l-appell. Dwar dan tal-ahhar din il-Qorti tissottolinea li l-appell kien l-ewwel presedut minn Qorti diversament preseduta, tant li l-ewwel seduta tal-appell preseduta minn din il-Qorti kienet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn jirrizulta li fil-mori tal-appell instemghu tlett (3) xhieda u anke nghata digriet minn din il-Qorti fejn cahdet it-talba li din il-Qorti tigi konvertita ghal Qorti ta' Droga u fejn sussegwentent inghatghu zewg differimenti stante li l-Avukat tal-appellant kien jinsab indispost in segwitu ta' operazzjoni medika. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda dewmien inspjegabbli minn mindu l-appell gie appuntat quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Ghal dak li jirrigwarda d-dewmien biex il-kawza tigi deciza mill-Ewwel Qorti, mill-atti jirrizulta li ghalkemm ghal bidu kien hemm progress tajjeb fil-gbir tal-provi tant li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007)[1], l-akbar dewmien kien dak bejn Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) bazikament madwar seba' (7) snin fejn ma sar l-ebda progress fil-kawza fejn kien hemm numru ta' differiment miz-zewg partijiet kemm mill-Ufficjal Prosekutur u anke mid-difiza, xi kultant minhabba ragunijiet medici fejn gew anke prezentati certifikati medici[2] bhala prova li l-appellant ma setax

[1] Il-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2012 regghet iddikjarat li ghalqet il-provi.
[2] A fol 144, 146, 155 u 157

jattendi anke f'certu kazijiet ghal mill-anqas erba' (4) gimghat, differimenti fuq ordni tal-Qorti, numru ta' seduti fejn ghalkemm deher l-imputat ma deherx l-Avukat tieghu, differiment minhabba theddida ta' bomba l-Qorti u differimenti peress li ma deher hadd mill-partijiet, jew ma deherx l-imputat ghalkemm debitament notifikat jew ma deherx peress li ma kienx notikat. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li huwa inaccettabli li kawza tiehu dan iz-zmien kollu biex tigi deciza. Mill-atti jirrizulta li kien hemm istanzi fejn il-Qorti ikkundannat lill-imputat ghal multi meta naqas milli jidher izda jirrizulta li d-dewmien ma kienx dejjem imputabbli lill-appellant. Jirrizulta ukoll li kien hemm bdil fil-Magistrat sedenti skont ordni tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn id-difiza ma kinitx ezentat lil Qorti milli terga tisma' l-provi gia mismugha u sussegwentement id-difiza filwaqt li ezentat lil Qorti milli tisma' mill-gdid ix-xhieda, din l-ezenzjoni ma nghatatx ghax-xhieda ta' Ufficjali tal-Pulizija, fatt li din il-Qorti tqis bhala tentattiv mid-difiza sabiex ittawwal aktar il-proceduri, kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti kellha taghti digriet dwar dan u ordnat li jerga jitharrek PC 793 Emanuel Camileri stante li ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda tieghu fl-atti, ordnat sabiex id-difiza tiddikjara jekk l-imputat ser jixhed jew jekk ser iressaq xhieda in sostenn tad-difiza tieghu u ordnat ukoll sabiex jitharrek il-Probation Officer Matthew Fleri Soler li hejja s-Social Inquiry Report. Sussegwentement xehdu l-ex PC 793 Emanuel Camilleri u l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li prezenta rapport, id-difiza iddikjarat li ma ghandhiex provi u li l-imputat ghazel li ma jixhiedx, u l-kawza marret ghat-trattazzjoni u sussegwentement ghas-sentenza.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk ghandux ikun hemm tnaqqis fil-piena abbazi tal-fatt li r-reati sehhew snin twal ilu u cioe' fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004). Fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Vella</u>'**[3] ghalkemm dik il-Qorti ma kienet ordnat l-ebda tnaqqis fil-piena, gie meqjus:

'**8.** *Dwar it-trapass taz-zmien, jinghad fl-ewwel lok li dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali*[4]*. Jista' f'xi kazijiet jigi kkunsidrat ghall-fini ta' piena.*[5] *L-ewwel*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru, 2012 (Numru: 1/2009)

[4] Ara: **Ir-Republika ta' Malta v. Joseph Attard** (24.7.2000) u **Ir-Republika ta' Malta v. Joseph Attard**

*Qorti fil-fatt hadet in konsiderazzjoni dan il-fattur. Pero`, kif intqal minn din il-Qorti fis-sede inferjuri taghha fis- sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et*** *moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002:*

***"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il- kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."***

**9.** *Issa, mill-atti ma jirrizultax illi t-tul ta' zmien kien provokat in toto mill-appellant. Izda kif jidher almenu prima facie mill-fedina penali ta' l-appellant, l-appellant huwa pluri-recidiv. Barra minn hekk jirrizulta illi nstab hati hames darbiet dwar pussess ta' droga kontra l-ligi. Tliet sentenzi dwar pussess ta' eroina jirrisalu ghal 7 ta' Lulju 1995, 11 ta' Jannar 1996 u 8 ta' Ottubru 1999. Imbaghad aktar recenti sentenza dwar pussess ta' kokaina moghtija fil-5 ta' Gunju 2009 u ohra dwar pussess ta' eroina moghtija fis-27 ta' Settembru 2011 (li tirreferi ghall-21 ta' Settembru 2009). Jigifieri l-appellant ma helisx ghal kollox mill- problema tad-droga, ma zammx imbieghed mill-ksur tal- ligi minn meta sehh il-kaz hawn in ezami, u din il-Qorti tqis anke l-pussess ta' droga bhala reat serju.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Geoffrey Azzopardi'**[6], il-Qorti kkunsidrat li:

*'Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz, u waslet ghall- konkluzzjoni li, tenut kont specjalment tat-trapass taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat – specjalment dak ta' traffikar – kif ukoll tal-fatt li l- appellant dak iz-zmien kien ukoll tossikodipendenti, u ta' l-istabbilita` li jidher li llum hemm fil-hajja tieghu, huwa opportun li l-piena ta' prigunerija*

---

**u Angelo Attard** (24.7.2000). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza appellata)

[5] Ara, p. ez., Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Geoffrey Azzopardi** (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza appellata)

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2001 (Appell numru: 253/2000)

*tigi sospiza u anke il-multa titnaqqas biex tigi facilitata r-reintegrazzjoni ta' l-istess appellant fis-socjeta`. Il-Qorti qed taghmilha cara li huwa biss eccezzjonalment li piena ta' prigunerija effettiva (u fit-tul) ma tkunx indikata ghar-reat ta' traffikar; u f'dan il-kaz is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija hija possibbli biss minhabba l-ligi kif kienet qabel l-emendi ta' l-1994.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Nezren Grixti) vs Jerken Decelis'**[7] deciza ricentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat:

*'Illi kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dik Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sahhqu diversi drabi li ghalkemm kull kaz ghandu jitqies individwalment, madanakollu meta l-kaz jitwal eccessivament anke jekk dan ikun ukoll imputabbli ghal persuna akkuzata jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ukoll ghaliex huwa fid-dmir tal-qorti illi tara illi trazzan dan id-dewmien ingustifikat.*

***"Issa dwar dewmien fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta Rikors Nru. 624/97 FS fl-ismijiet Joseph Attard vs Avukat Generali deciza fit-8 ta' Gunju, 2000 gie studjat kaz simili hafna u ghalhekk il-Qorti sejra tirriproduci part estensiva minn dik is-sentenza. Hemm intqal:***

***"Il-Kostituzzjoni ta' Malta [Art 39] kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem [Art 6] jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b'reat kriminali smieh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan hu minhabba:***

***§ Id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita u l-kredibilta' tal-gustizzja [Ara H. vs France, Qorti, 24 ta' Ottubru 1989];***

***§ Hemm bzonn li jigi assigurat lill-akkuzat l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva [Ara Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – pagni 77 et: "****The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020 (Appell numru: 288/2015)

*proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence****".***

***§ Id-dewmien ihalli lill-akkuzat ghal zmien twil fi stat ta' incertezza fuq il- verdett tal-innocenza jew ir-reita' tieghu u naturalment id-destin tieghu;***

***§ Proceduri Kriminali fit-tul ghandu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal- akkuzat.***

***..... Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar- ragonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien:***

***§ Il-komplessita' tal-kaz;***

***§ Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita' enormi ta' xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l- fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta' dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;***

***§ Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b'rizultat ta' eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista' facilment itawwal il-kors tal- proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta' dewmien ragjonevoli in-natura ta' dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni.[8]"***

***"Huwa wkoll rilevanti L-agir tar-rikorrent fil-proceduri kriminali kontra tieghu, u b'mod aktar specifiku, jekk hu baqax passiv ghad-dilungar fil- proceduri, jew jekk kienx addirittura r-raguni principali ghad-dewmien jew ikkontribbwixxa ghall-istess. Ghandha wkoll tigi ezaminata ttmexxija tal- proceduri da parti tal-awtorita`gudikanti, u cioe` l-isforzi taghha sabiex fic- cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tmexxi l-proceduri bid-diligenza mehtiega bil-ghan li twassalhom ghall-konkluzjoni minghar dewmien indebitu. F'dan ir-rigward gie ritenut ukoll li "..article 6[1]***

---

[8] Prim'Awla sede Kostituzzjonali – Nicolas Farrugia vs Avukat Generali deciz 27/03/2003 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza appellata)

***imposes on the Contracting States the duty to organize their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements, including the obligation to hear cases within a reasonable time"***[9]

*Illi allura ghalkemm huwa minnu illi l-appellant ikkontribwixxa bil-kbir ghad-dewmien fil-proceduri, madanakollu kien fid-dmir tal-qorti li tara li trazzan l-imgieba tal-appellant biex b'hekk ma jinholoq l-ebda pregudizzja la ghalih u lanqas ghas-socjeta' in generali li tippretendi retribuzzjoni minn kull min ikun azzarda ixellef dufrejgh mal-gustizzja. Ma jidhirx illi l-proceduri kienu kumplessi u laborjuzi tali li jiggustifikaw trapass konsiderevoli ta' zmien. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra il-piena kellha tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni flimkien ma' fatturi ohra, kif ser jinghad.'*

Din il-Qorti tqis li l-appellant ghandu fedina penali mlahhma fejn kellu numru kbir ta' kundanni rigwardanti serq tant li l-Ewwel Qorti anke sabitu hati li huwa recediv *ai termini* tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mill-fedina penali aggornata prezentata li l-appellant gie anke misjub hati ta' reati li sehhew fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe' reati li sehhew fl-elfejn u sitta (2006), elfejn u sebgha (2007) u elfejn u disgha (2009). Din il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation moghtija quddiem din il-Qorti fejn jirrizulta li l-ahhar relapse ta' uzu ta' droga kien f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fejn ittiehdu testijiet li kienu '*clean*'.

Din il-Qorti tishaq li t-tul tal-proceduri ma jtaffix mil-gravita tar-reat ta' serq fejn persuni innocenti sfaw vittmi ta' dan ir-reat f'lejliet l-ewwel tas-sena. Din il-Qorti izda temfasizza li huwa deplorabbli li kawza b'fatti speci pjuttost semplici hadet dawn is-snin kollha biex tigi deciza u ghalkemm din il-Qorti ma hija bl-ebda mod tiddikjara li kien hemm xi lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant stante li din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tqis jew tiddikjara dan, tikkunsidra li in vista tal-fatt li r-reati mertu ghal dawn il-proceduri sehhew aktar minn hmistax (15)-il sena ilu ghandha tnaqqis il-piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija inflitta ghal ghoxrin (20)-il xahar prigunerija.

[9] App.Kost - Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan vs Avukat Generali deciza 06/02/2015 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) fis-sentenza appellata)

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti, tvarja l-piena imposta billi thassar u tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija u minflokk tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-appellant kien taht arrest preventiv.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur